**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 18 ta' Dicembru 2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Brian Xuereb)**

**vs**

**Rida Faraj Salim Alshoshi**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Rida Faraj Salim Alshoshi ta' tmintax (18)-il sena iben Faraj u Huda imwieled Tripoli, il-Libja, nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u hamsa (2005), residenti gewwa 14, Triq Michelangelo, San Giljan u detentur bir-Ref. Com. numru 28427

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023), gewwa Miami Apartments fi Triq id-Dragunara, San Giljan u/jew bnadi ohrajn gewwa l-Gzejjer Maltin

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oggetti ohrajn ghad-dannu ta' Miami

apartments u/jew persuni ohrajn u/jew entitajiet ohrajn, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, liema valur huwa ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37)
*Artikoli 18, 261(b), (c), (f), 263, 267, 270, 280 (1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

U akkuzat ukoll talli nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) gewwa Miami Apartments fi Triq id-Dragunara, San Giljan u/jew bnadi ohrajn gewwa l-Gzejjer Maltin;

2. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u/jew oggetti ohrajn ghad-dannu ta' Miami Apartments u/jew persuni ohrajn u/jew entitajiet ohrajn, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur, liema valur jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmi (€2,329.37)
*Artikoli 18, 26(b), (c),(f), 263 (b), 267, 270, 279(b) u 280(1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Akkuzat ukoll talli bejn l-erbatax (14) u l-hmistax (15) t' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), gewwa Joem Service Station, Triq Mikiel Anton Vassalli gewwa l-iMsida u/jew bnadi ohrajn gewwa l-Gzejjer Maltin

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara u gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin Ewro (€250.00) izda mhux aktar minn elfejn u hames mitt Ewro €2,500.00)
*Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika d-dispozizzjuoni tal-Artikoli 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex il-Qorti tordna lill-imputat jirrestitwixxi lill-parti offiza (Miami Apartments u/jew persuni ohrajn u/jew entitajiet ohrajn) kull haga minnu misruqa

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi

tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2023 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' sitt snin u seba xhur priginerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

7. Semghet ix-xhieda u rat il-pre-sentencing report tal-ufficjal tal-probation Noelene Cassar fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2024.

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, u rat li d-difiza ma ipprezentatx nota ta' sottomissjonijiet risponsiva fit-terminu lilha preskritt.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

10. Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk huwa ma heliex ir-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

11. Meta gew kommessi r-reati l-imputat kellu biss tmintax (18)-il sena u l-fedina penali tieghu hija wahda netta.

12. Mill-atti ma jirrizultax li l-imputat radd lura l-flus minnu misruqa mertu tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, u lanqas hallas ghad-danni minnu ikkagunati mertu tat-tielet imputazzjoni.

13. Mill-atti jirrizulta li fis-serqa mertu tal-ewwel imputazzjoni l-imputat seraq l-ammont ta' ta' tlett mitt Euro (€300.00) in kontanti a detriment ta' Miami Apartments.[1]

14. Rigward it-tieni imputazzjoni, mir-rapport tal-Pulizija jirrizulta li l-ammont ta' flus kontanti misruqa kien ta' bejn hamest elef Euro (€5000) u sitt elef Euro (€6000), u dan ukoll a detriment ta' Miami Apartments.[2] Gew misruqa ukoll diversi oggetti ohra, fosthom keyboard, Epos machine u safe tal-metall, li l-valur taghhom ma giex specifikat fir-rapport. Fir-rapport taghha, l-Ufficjal tal-Probation tghid li Massimiliano Gatt, il-manager ta' Miami Apartments qalilha li l-ammont ta' flus kontanti misruqa kien ta' disat elef Euro (€9000), apparti oggetti ohra. Peress li ma tirrizulta l-ebda gustifikazzjoni ghal din l-avarija fuq l-ammont misruq bejn ir-rapport tal-Pulizija u dak li qal Massimiliano Gatt lill-Ufficjal tal-Probation, il-Qorti se taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, u ser tqis li l-ammont ta' flus kontanti misruqa kien dak ta' hamest elef Euro (€5000).

15. Rigward it-tielet imputazzjoni, mill-atti jirrizulta li l-imputat ikkaguna danni volontarji lill-*automatic payment machine* tal-Petrol Station bl-isem ta' 'Joem Service Station' fl-ammont ta' hames mija u tnejn u sebghin Euro u tletin centezmu (€572.30).[3]

16. Fil-*pre-sentencing report* tal-Ufficjal tal-Probation qalet hekk:

*"Pjan ta' Kura*

---

[1] Ara fol. 17 tal-atti.
[2] Ara fol. 22 tal-atti.
[3] Ara fol. 13 tal-atti.

*Waqt it-thejjija ta' dan ir-rapport, gew identifikati numru t'aspetti f'hajjet l-imputat illi jirrikjedu attenzjoni partikolari sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' recidivizmu. Ghalkemm tezisti xi tip ta' stabbilita f'hajjet l-ikkoncernat, jidher illi din ma kinitx bizzejjed sabiex timpedih milli jxellef difrejh mal-ligi. Hekk kif stqarrew il-familja tal-imputat, u anke Rida stess, jidher li ghandu jkun opportun li l-imsemmi jinghata l-ghajnuna sabiex ifittex impjieg u ghaldaqstant jibda jhossu aktar utli. Billi l-imputat ikun qieghed jimla l-hin liberu tieghu, dan iwassal sabiex ikun hemm tnaqqis fl-uzu tas-sustanza tal-kannabis. Apparti minn hekk, fil-fehma tal-Ufficjal tal-Probation, hemm bzonn li tigi evalwata aktar fid-dettall is-sitwazzjoni tal-imsemmi fejn jidhol l-uzu tax-xorb alkoholiku.*

*Fl-istess waqt ikun utli jekk jindirizza l-aspett socjali tieghu, dan hekk kif jirrizulta li l-hbieb li qieghed jaghzel sabiex izomm Rida m'humiex ta' influwenza tajba fuqu, u dan jista' jaghti l-kaz li jkompli jwassal lill-imsemmi sabiex ixellef difrejh mal-Gustizzja Kriminali.*

*Rakkomandazzjoni*

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, l-Ufficjal sottoskritta hija tal-fehma li l-piena li jinghata Rida Faraj Salim Alsoshi u kif ukoll dawn il-proceduri fil-konfront tieghu ghandhom iservuh bhala twissija serja li m'ghandux jinnega l-ligijiet, ir-regolamenti u r-responsabilitajiet li jgibu maghhom. Stante, il-piena ghandha twassal lill-imputat sabiex ma jkunx ripetut agir simili fil-futur. Ghaldaqstant, l-Ufficjal sottoskritta qieghda umilment tirrakomanda li Rida Faraj Salim Alshoshi jinghata Ordni ta' Probation u Servizz skont l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-Ordni ghandha sservi ta' deterrent ghall-imputat, filwaqt li ssir supervizjoni xierqa. Kif ukoll permezz tal-element tax-xoghol ihossu utli ghall-beneficcju tas-socjeta, u jitghallem juza l-hin tieghu f'aktar mod xieraq.*

*L-Ufficjal sottoskritta thoss li huwa ferm importanti li f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghobha tilqa' din ir-rakkomandazzjoni, l-imputat jifhem sewwa x'inhuma l-obbligi tieghu f'din it-tali ordni, u x'jistghu jkunu l-konsegwenzi kemm-il darba huwa ma jsegwix il-kundizzjonijiet imposti fuqu."*

17. Ghalkemm din il-Qorti taqbel li fil-kaz odjern piena karcerarja effettiva mhix idonea, in vista ta' l-eta zghira tal-imputat u li l-fedina penali tieghu hija wahda netta. Min-naha l-ohra hija tal-opinjoni li l-mizura li ghandha tittiehed kontra l-imputat m'ghandhix tkun biss ta' Ordni ta' Probation u Servizz, izda din ghandha tkun abbinata ma' sentenza ta' habs sospiza, u dan mhux biss in vista tal-gravita tar-reati li huwa ikkommetta, in partikolari tat-tieni imputazzjoni, u imma wkoll ghaliex din il-Qorti hija preokkuppata b'osservazzjonijiet ohra li ghamlet l-Ufficjal tal-Probation fil-korp tar-rapport u anke fix-xhieda taghha, u cioe li minkejja l-ammissjoni tieghu l-imputat mhux qed jiehu responsabbilita tal-agir tieghu. Fil-fatt l-Ufficjal tal-Probation osservat li minkejja li l-imputat *"sahaq li jiddispjacih talli ghamel, baqa' sal-ahhar tal-kumpilazzjoni tar-rapport ma jerfax ir-responsabilita ta' ghemilu. ... ... Meta l-imputat gie mistoqsi rigward il-possibilita ta' medjazzjoni, Rida sahaq li huwa ma tantx ghandu interess sabiex jippartecipa f'dan il-process, hekk kif ihoss li dan il-kaz kien wiehed minuri."* In oltre, minkejja l-eta zghira tieghu, l-imputat la jrid ikompli jistudja u lanqas irid jahdem, u jqatta' l-gurnata tieghu mal-hbieb jabbuza mix-xorb alkoholiku u mid-droga.

18. Dan kollu ma jindikax li l-imputat huwa verament iddispjacih mill-agir tieghu u huwa genwinament motivat li jitbieghed mit-triq tal-kriminalita fil-futur. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputat ghandu jinghata messagg car, li jekk hu ser jerga' jxellef difrejh mal-gustizzja, il-konsegwenzi ghalih se jkunu serji hafna.

**Konkluzjoni**

19. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 18, 261(b)(c) u (f), 263(a), 267, 270, 279(a), 280(1) u (2), 261(b)(c)(f), 263(a) u (b), 267, 279(b), 280(1) u (2), 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(2) A tenur ta' l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'zieda ma' din is-sentenza sospiza, il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu imposti fuqu skond l-Ordni ta' Supervizzjoni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

(3) In oltre a tenur tal-Artikolu 28G(1A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda, tqieghed il-hati taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita, kif imfisser fl-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

(4) In oltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas lil:

(i) Massimiliano Gatt bhala manager f'isem u fl-interess ta' Miami Apartments fi Triq id-Dragunara, San Giljan, l-ammont ta' hamest elef u tlett mitt Euro (€5,300.00), rapprezentanti l-ammont misruq; u lil
(ii) Emanuel Falzon, sid il-Petrol Station bl-isem ta' 'Joem Service Station' fi Triq Mikiel Anton Vassali l-Imsida, l-ammont ta' hames mija u tnejn u sebghin Euro u tletin centezmu (€572.30), rapprezentanti d-danni kagunati.

Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

20. Il-Qorti wissiet lil hati bi kliem car il-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija matul dan il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza u/jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Supervizjoni u/jew jekk jonqos li jikkonforma ruhu mal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita.

21. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordni ta' Supervizzjoni u l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita annessi maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

22. Il-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**